**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Rachel Montebello**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**-Vs-**

**Dillon Kenneth Junior Bartolo**

**Illum, 5 ta' Awwissu 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi **DILLON KENNETH JUNIOR BARTOLO** ta' 28 sena iben, Kenneth u Jacqueline nee' Abela, mwieled Pieta nhar it-13 ta' Ottubru 1993, u residenti Hubbard Blk 5, Flat 4, Triq Alessandra, Bormla detentur tal-karta ta' identita bin-numru 474393M, tressaq quddiemha akkuzat talli:-

f' dawn il-Gzejjer bejn ix-xhur ta' Lulju u Awwissu ta' 2021 u xhur ta' qabel minn gewwa 2, Triq Matty Grima, Bormla kif ukoll f'diversi banek f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika,

ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn hamest mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu ta' Vincent Mallia ta' 90 sena;

F' dawn il-Gzejjer bejn ix-xhur ta' Lulju u Awwissu ta' 2021 u xhur ta qabel min gewwa 2, Triq Matty Grima, Bormla kif ukoll f'diversi banek f'dawn il-Gzejjer, bi hsara ta' haddiehor, ghamilt xi qligh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu;

F' dawn il-Gzejjer bejn ix-xhur ta' Lulju u Awwissu ta' 2021 u xhur ta qabel min gewwa 2, Triq Matty Grima, Bormla kif ukoll f'diversi banek f'dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin minnhu ukoll jekk fi zmienijiet differenti u li jiksru `l istess despozzizjonijiet tal-ligi u mhux bhala l-awtur izda bhala l-komplici;

F' dawn il-Gzejjer bejn ix-xhur ta' Lulju u Awwissu ta' 2021 u xhur ta qabel ghamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta, jew jekk kien ipprovoka, inġurja b'mod li ħareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u/jew xi persuni u/jew xi entitajiet ohra;

F' dawn il-Gzejjer bejn ix-xhur ta' Lulju u Awwissu ta' 2021 u xhur ta qabel hebb kontra persuna/i sabiex jingurja, idejjqu jew ghamel hsara lil dan il-persuna/i jew lil haddiehor, kemm-il darba 'l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-kodici kriminali;

F' dawn il-Gzejjer bejn ix-xhur ta' Lulju u Awwissu ta' 2021 u xhur ta qabel gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Vincent Mallia ta' 90 sena u/jew xi persuni u/jew xi entitajiet ohra;

F' dawn il-Gzejjer bejn ix-xhur ta' Lulju u Awwissu ta' 2021 u xhur ta qabel permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika, bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil Vincent Mallia ta' 90 sena biex jagħmel jew jonqos jew milli jagħmel

xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tieghu, jew biex jimmalafama lill-istess Vincent Mallia, u/jew xi persuni u/jew xi entitajiet ohra;

U talli f' dawn il-Gzejjer bejn ix-xhur ta' Lulju u Awwissu ta' 2021 u xhur ta qabel permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika, ghamel użu ieħor mhux xieraq bih;

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuna ta' Vincent Mallia ta' 90 sena u familjari tieghu jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Dillon Kenneth Junior Bartolo, b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal- *Kapitolu* 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq;

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f' każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lil-ħatja għall-ħlas, lir- reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil- proċeduri, inklużi dawk tal- esperti li jkunu ġew maħtura fl- istadju tal- proċess verbal tal- inkjesta;

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmi Vincent Mallia ta' 90 sena u l-familja tiegħu u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta u tohrog ordni ta' protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputati jew huma propjeta' taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà lil-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, ai termini tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra u jikkonferma l-akkuzi bil-gurament;

Semghet lill-imputat waqt l-ezami iwiegeb li huwa hati;

Wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegat l-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom u ssospendiet fattwalment is-seduta biex taghti zmien lill-imputat biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Semghet lill-imputat, wara li nghata hin estensiv sabiex jerga' jahsibha dwar l-ammissjoni tieghu u jikkonsulta mad-difensur tieghu, jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara li l-Qorti spjegatlu l-pieni erogabbli ghal kull akkuza li jinsab mixli bihom;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-ammont akkwistat mill-imputat bi frodi u dwar il-piena;

Rat illi l-kawza kienet differita ghal-lum biex tinghata s-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni tal-imputat, li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-

Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi ghandu jinghad qabel xejn illi t-tielet paragrafu tac-Citazzjoni ma fih l-ebda imputazzjoni ta' reat kriminali ghaliex dan il-paragrafu jikkonsisti biss f'riproduzzjoni tal-kliem tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali li jipprospetta mhux reat kriminali punibbli b'piena *ad hoc*, izda r-reat kontinwat li wahdu ma jikkostitwixxix reat. Ghall-kuntrarju, dan huwa kuncett legali li jincidi fuq il-komputazzjoni tal-piena f'kaz ta' infrazzjonijiet multipli tal-istess ligi, sabiex fejn jigi riskontrat l-element tal-kontinwita` tar-reat, dan il-kuncett jopera ghall-beneficcju tal-imputat billi r-reati separati jingabru flimkien biex jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah kontinwat.

Dan premess, il-Qorti fehmet illi bl-inkluzjoni ta' dan il-paragrafu fic-Citazzjoni, il-Prosekuzzjoni kienet bi hsiebha taghti lill-imputat il-beneficcju tar-reat kontinwat skont l-Artikolu 18 tal-Kap. 9, kwantu ghal dawk l-istanzi kollha fejn allegatament, l-istess imputat ikkommetta r-reati addebitati lilu fl-ewwel zewg imputazzjonijiet. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi peress li l-istanzi kollha ta' qerq kommess fil-perijodu bejn Lulju u Awwissu 2021, gew migbura flimkien taht imputazzjoni ta' reat wiehed biss taht l-Artikolu 308 tal-Kap. 9 u mhux bhala reati separati addebitati f'imputazzjonijiet separati[1], il-kuncett ta' reat kontinwat f'dan il-kaz ftit li xejn jista' jsib riskontru, anke ghaliex evidentement, dan il-kuncett m'huwiex applikabbli kwantu ghar-reati l-ohrajn li gie mixli bihom l-imputat fl-akkuzi sussegwenti tac-citazzjoni.

Ghal raguni ftit spjegabbli wkoll, l-imputat gie mixli bhala komplici u mhux bhala l-awtur tar-reati meta fir-realta`, minn dak li rnexxielha tislet mis-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena kif ukoll mid-dokumenti formanti parti mill-atti processwali, ma jirrizultax illi kien hemm il-partecipazzjoni ta' persuni ohrajn fit-

[1] L-istess kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 309 tal-Kap. 9.

twettiq tar-reati addebitati lill-imputat.  Ghall-kuntrarju, il-Qorti fehmet illi l-imputat agixxa wahdu u ghalhekk kien, u ghandu jitqies bhala, l-awtur tar-reati li huwa ammetta illi gew kommessi minnu.

Ghandu jinghad ukoll illi ghalkemm l-imputat ammetta l-htija tieghu sija ghar-reat ta' truffa addebitat lilu fl-ewwel imputazzjoni, u kif ukoll ghar-reat ta' frodi nominat, il-Qorti tqis li huwa evidenti li dawn iz-zewg imputazzjonijiet inghataw mhux kumulattivament izda alternattivament ghal xulxin ghaliex ir-reat taht l-Artikolu 309 huwa li minuri illi huwa kompriz fir-reat iktar gravi taht l-Artikolu 308 tal-Kap. 9.  Ghaldaqstant, billi l-imputat qed jinstab hati tar-reat ta' truffa li tigbor fiha r-reat minuri taht l-Artikolu 309 tal-Kap. 9, ghandu jinghata biss il-piena ghar-reat l-iktar gravi taht l-Artikolu 308 tal-Kap. 9 u dan bl-applikazzjoni tal-kuncett tal-konkorrenza formali tar-reati fejn l-istess att jikser iktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi.

Ikkunsidrat;

Illi ghall-fini tal-piena, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, ewlenin fosthom il-fatt illi l-imputat ammetta l-htija tieghu mhux biss fl-istadju l-iktar bikri tal-proceduri izda wkoll waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija, fejn evidentement, huwa ikko-opera bis-shih fl-investigazzjoni u sahanistra wera rimors ghal eghmilu kif ukoll ir-rieda li jhallas lura lill-vittma l-flus kollha li hadlu b'konsegwenza tal-qerq ezercitat minnu.  Qieset ukoll il-fatt illi l-imputat tilef l-impjeg li kellu wara li kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol li hallih b'dizabilita` f'wahda minn idejh u kien proprju n-nuqqas ta' finanzi li wasslu biex jirrikorri ghall-kriminalita` biex jikseb il-fondi li kellu bzonn biex ihallas lil terzi persuni li kien issellef minghandhom, liema persuni, skont dak li gie sottomess waqt it-trattazzjoni, kienu qeghdin ihabbtulu l-bieb u jhedduh biex irodd lura l-flus misluf.

Madanakollu, fl-istess hin, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-imputat ma ddejjaq xejn iqarraq b'persuna vulnerabbli ta' disghin sena biex jikseb il-flus li kellu bzonn biex ihallas lil terzi, liema flus il-Qorti fehmet ukoll li kienu dovuti in konnessjoni mal-uzu tad-droga u ghalhekk, biex fl-ahhar mill-ahhar huwa jissodisfa dan il-vizzju ikrah li ghandu. Il-Qorti tistmerr kwalsiasi agir li huwa mahsub biex jigu abbuzati, anke finanzjarjament, persuni anzjani jew vulnerabbli, *multo magis* meta ghal dan il-fini l-agent tar-reat jinqeda bil-hniena u s-sens ta' karita` tal-vittma. Hadet qies ukoll tal-ammont ta' flus mhux negligibbli li l-imputat irnexxielu jikseb minghand il-vittma, liema somma, wara li jinghaddu l-ammonti elenkati fil-karta miktuba bl-idejn u mmarkata Dok. CC[2], hija ta' tliet elef u sitt mitt Euro (€3,600).

In konkluzjoni, qieset ukoll illi l-imputat, li evidentement ghandu vizzju ta' abbuz tad-droga, ghadu zghir u ghad ghandu opportunita` shiha li jirriforma ruhu skont kif wara kollox, huwa stess iddikjara li jixtieq jaghmel. Il-Qorti tifhem li l-imputat jehtieg li jinghata ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tad-droga u biex b'hekk izomm 'il boghod mid-delinkwenza li kif rajna, ixprunat minn dan il-vizzju. Tifhem ukoll illi din l-ghajnuna ghandha tinghata lill-imputat tempestivament sabiex, konsiderando li ghadu relattivament zghir fl-eta`, jirriforma ruhu u jipprova jibni hajja produttiva u ta' ghaqal qabel ikun tard wisq. Fic-cirkostanzi, il-Qorti taqbel li l-imputat ma ghandux jigi mtellef mill-opportunita` ta' darba biex jaghraf il-htiega impellenti li jqieghed hajtu fuq binarji tajbin u biex izomm 'l boghod mill-kriminalita`. Fil-kwadru ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda ghandha taghmel uzu mill-poteri taghha taht l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 kif ukoll specifikatament, is-setgha taht l-Artikolu 28G tal-Kap. 9 peress li hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn uffiċjal sorveljanti hija bzonnjuza f'dan il-kaz fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-imputat kif ukoll li jigi protett il-pubbliku minn dannu iehor li huwa jista' jagħmel u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra.

---

[2] Il-Qorti ghoddiet l-ammonti kollha indikati fuq din il-karta b'dati differenti, hlief fejn l-istess dati jidhru fuq iz-zewg faccati tad-dokument u l-ammonti rispettivi jaqblu ma' xulxin.

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt li qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni wara illi rat li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 251A, 308, 310(1)(b), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qieghda ssib lil DILLON KENNETH JUNIOR BARTOLO hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah ghoxrin (20) xahar prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.**

**Wara li rat ukoll l-Artikolu 49(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qieghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' multa fis-somma ta' mitejn Euro (€200).**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9, il-Qorti tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti mahtur taht id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan għaz-zmien kollu tal-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, bil-htiega illi l-hati ghandu jaghmel dik il-kura, inkluz jekk mehtieg, f'istituzzjonijiet residenzjali, waqt il-perijodu operattiv tal-ordni bil-ghan li jinheles mill-vizzju tad-droga.**

**Wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet, qieghda tordna wkoll lill-hati, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas lil Vincent Mallia is-somma ta' tliet elef u sitt mitt Euro (€3,600) fi zmien sitt (6) xhur mil-lum u dan bhala kumpens ghat-telf soffert minnu bhala konsegwenza tat-twettiq tar-reat taht l-Artikolu 308 tal-istess Kap. 9.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabbilita` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap 9 jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu operattiv, kif wkoll l-effetti tal-ordni ta'**

**supervizjoni u l-konsegwenzi tan-nuqqas tal-hati li jikkonforma ruhu mad-direttiva ghall-hlas tas-somma taht l-Artikolu 28H tal-Kap. 9.**

**Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Vincent Mallia minn agir tal-hati li jikkaguna fastidju, qieghda b'zieda mal-piena, tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess DILLON KENNETH JUNIOR BARTOLO a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tliet (3) snin mil-lum u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digrieti moghtija kontestwalment.**

**In vista tal-ammissjoni tal-htija tal-imputat waqt l-interrogatorju u in vista wkoll tal-ordni ta' restituzzjoni tas-somma akkwistat bir-reat, il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula taht l-Artikolu 23A u 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Billi ma jirrizultax li gew mahtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tichad it-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni taht l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 28A(8) u l-Artikolu 28G(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tordna li din is-sentenza tigi notifikata minnufih lir-Registratur tal-Qorti u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.**

**Il-Qorti qieghda tordna li l-atti tal-proceduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**